10 ta' Jannar, 1953

Imħallef :
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giovanni Anastasi

**"Finance (Defence) Regulations, 1942" — "Malta Constitution Letters Patent, 1947" — "Reserved Matters" — Ordinanza — Gvernatur — "Enabling Law" — Preskrizzjoni — Art. 23 tal-Kodiċi Kriminali — Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 409 ta' l-1949.**

*Għalkemm skond il-Kostituzzjoni ta' l-1947 il-Gvernatur, meta tkun materja ġdida, jilleġifera fuq il-"reserved matters" per mezz ta'*

*Ordinanza, b'daqshekk ma ġiex imneħħi bl-ebda mod il-poter tal-Gvernatur li, dwar dawk il-materji riżervati li għalihom hemm diġà "enabling law", jilleġifera b'forma oħra taħt "statutory powers".*

*Għalhekk mhix attendibili l-allegazzjoni illi l-emendi magħmula mill-Gvernatur fil-Finance (Defence) Regulations ta' l-1947 bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 409 ta' l-1949, in kwantu jvarjaw il-piena, kienu nulli għax ma sarux b'Ordinanza, u għaliex marru l-hemm mill-"enabling law".*

*Għalkemm ma tistax tiġi istitwita azzjoni kontra min jikkontravvjeni għall-Finance (Defence) Regulations wara li jkunu għaddew tliet xhur mid-data li fiha l-Gvernatur ikun ġie a konjizzjoni ta' provi sufficjenti fl-opinjoni tiegħu biex jiġġustifikaw dik l-azzjoni, u għalkemm iċ-ċertifikat tal-Gvernatur li jaċċerta meta kienet dik id-data huwa "conclusive evidence", dana però ma jfissierx illi l-prova tad-data meta l-Gvernatur ġie a konjizzjoni ta' dawk il-provi ma tistax issir b'mezzi oħra.*

*Reat li jikser liġi li hija ntiża biex tipproteġi l-isterlina ma jistax jingħad li huwa ta' natura trivjali, tali li huwa applikabili għalih l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali.*

**Dan hu appell** ta' l-imputat minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fl-20 ta' Mejju 1952;

L-imsemmi Anastasi kien ġie mressaq quddiem dik il-Qorti biex jirrispondi għall-imputazzjoni illi f'dawn l-aħħar sentejn, mingħajr permess mogħti mill-Gvernatur jew f'ismu, għamel pagament ta' £5000 lil Enrico Bonnici u lil Toni Zahra, diretturi tad-ditta "Bonnici & Zahra", persuni li ma jgħammrux barra mill-pajjiż fejn timxi l-isterlina, bħala kumpens jew bħala ħaġa li għandha x'taqsam mad-dħul ta' ħlas jew proprjetà barra mill-pajjiż fejn timxi l-isterlina. Dik il-Qorti sabitu ħati u kkundannatu għall-piena tal-multa ta' għaxart elef lira sterlina (£10,000);

**Trattat l-appell ta' l-imputat,** din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi................, ikkunsidrat;

***Omissis;***

Mill-eżami tad-dispożizzjoni tal-liġi li taħtha hi miġjuba l-imputazzjoni (reg. 11 (4) (b) (d) (i) Notifikazzjoni tal-Gvern 214/42), huwa indubitat li sabiex jissussisti r-reat addebitat

lill-imputat jeħtieġu dawn l-elementi :— (1) Li l-imputat ikun għamel pagament "to a person *not resident* outside the sterling area"; (2) li dan il-pagament ikun sar "as consideration for or in association with the receipt by any person of a payment, or the acquisition by any person, of property outside the sterling area"; (3) li dan il-pagament ikun sar mingħajr il-permess "granted by or on behalf of the Governor";

Il-Qorti hi soddisfatta li *mill-provi jirriżulta* illi l-imputat, li hu frustier (Taljan) mhux residenti f'li Sterling Area, ried jimporta f'Malta (fejn hu jinsab temporaneament) injam mill-Italja. Peress li ma hux solitu *jingħataw* "import licences" lill-frustieri, l-imputat ftiehem mad-ditta lokali "Bonnici & Zahra" biex dawn japplikaw għall-liċenza f'isimhom, stante li bħala maltin li joqogħdu *f'Malta kienu jkunu jistgħu* jottjenu din il-liċenza. Ftehmu li għal taparsi huma, ċjoè "Bonnici & Zahra", kienu sejrin jimpurtaw dan l-injam minn għandu (Anastasi), u jkunu *awtorizzati jivversaw* il-flus lilu stess fl-Italja. U fil-fatt sar hekk L-imputat ipprokura s-somma ta' £5000 minn għand ċertu Saver Gatt, li tah din is-somma per mezz ta' cheque fuq Barclay's Bank, sedi lokali, emess favur l-imputat. Sadattant, in eżekuzzjoni ta' dan il-ftehim, id-ditta "Bonnici & Zahra" kienet otteniet l-"import licence", eżibita fol. 4 ta' l-inkartament, u *in bażi* tagħha l-permess fol. 3, li bih dik id-ditta ġiet awtorizzata li tittrasferixxi s-somma ta' £5000 lill-imputat, residenti Catania, għall-importazzjoni ta' l-injam. L-imputat u *Harry Bonnici*, wieħed mill-ġerenti ta' dik d-ditta, marru flimkien isarrfu ċ-cheque ta' £5000, u s-somma għaddiet mill-imputat, titolari taċ-cheque, f'idejn Bonnici. Dan allura mar *il-Banka* "*Scicluna*", u l-Banka biegħet lid-ditta "Bonnici & Zahra", kontra pagament in kontanti, 50 cheques ta' £50 l-wieħed u 25 cheques ta' £100 l-wieħed, miġbuda dawn iċ-*cheques mill-istess* Banka fuq il-Westminster Bank ta' Londra "għall-ordni ta' Giovanni Anastasi, l-imputat" (ara dok. fol. 5). Dawn iċ-cheques tħallsu l-Italja;

Biżżejjed l-espożitiva *ta' dawn* il-fatti, aċċertati mill-provi, biex wieħed jara li ġie mill-imputat kommess ir-reat li tiegħu hu mputat. Infatti, hu ċert li l-imputat għamel pagament ta' somma lil "*Bonnici & Zahra*", li huma, "ex concessis",

persuni "not resident outside the sterling area"; hu ugwalment ċert li dan il-pagament sar bl-iskop ("as consideration for or in association with") li jsir dħul ta' flus "outside the sterling area", kif fil-fatt sar; u hu wkoll ċert li dan il-pagament sar bla permess tal-Gvernatur jew f'ismu; għaliex mhux biss l-"*import licence*" *fol. 3 kienet nulla, għax ġiet użata* minn persuna diversa minn dik awtorizzata li tużaha, u ġiet ottenuta b'ingann (ara reg. 6 u 7 Not. tal-Gvern 669/48), u għalhekk null il-permess fol. 3 bażat fuqha, imma għaliex ma kien hemm qatt ebda permess mogħti lill-appellant biex hu jħallas is-somma ta' £5000 lid-ditta "Bonnici & Zahra" biex din *id-ditta tittrasferilu* dik s-somma barra li "*sterling area*";

Id-difiża ssottomettiet, "inter alia", illi parti mill-injam wasal f'Malta, u l-kumplament ma wasalx għal raġunijiet indipendenti mill-volontà ta' l-imputat. Dan ir-riljev ma għandux x'jaqsam mal-kawża, li tirrigwarda l-ħlas li sar mill-imputat hawn Malta lil "Bonnici & Zahra" bl-iskop li jsir ħlas lilu barra minn li "sterling area". Lanqas jista' jirnexxi l-isforz tad-difiża li tgħaddi din l-operazzjoni bħala operazzjoni leġittima kummerċjali, meta l-fatti juru tant ċar li kollox sar biex tiġi evaża l-liġi;

Id-difiża ssollevat ukoll kwistjonijiet li jaffettaw il-validità tal-liġijiet li taħthom saret l-imputazzjoni. L-eċċezzjoni, però, li d-"*Defence (Finance) Regulations 1942" (G.N. 214 ta' l-1942)* ma għandhomx validità, għax ma jaqgħux taħt is-"Supply and Services (Transitional Powers) Act, 1945", ġiet middifiża in segwitu ritirata, kif jidher minn nota tad-difiża fol. 82. Id-difiża qiegħda, però, issostni illi l-emendi magħmulin lil dawk ir-Regolamenti bil-G.N. 409 ta' l-1949, in kwantu varjaw il-piena, huma nulli, għaliex missħom saru *b'Ordinanza*, u għaliex marru l-hemm mill-"enabling law";

Dan l-argument tad-difiża ma hux aċċettabili. Għalkemm il-Gvernatur, skond il-Kostituzzjoni, meta tkun materja ġdida jilleġifera fuq ir-"reserved matters" b'Ordinanza, b'daqshekk ma ġiex imneħħi bl-ebda mod il-poter tal-Gvernatur li, dwar dawk il-materji riżervati, li għalihom teżisti diġà "enabling law", jilleġifera b'forma oħra taħt "statutory powers", kif appuntu sar f'dan il-każ, li fih il-Gvernatur għamel il-G.N. 409

ta' l-1949 bis-saħħa ta' l-"enabling power" li hu għandu taħt is-"Supplies and Services Act (Transitional Powers) (Colonies, etc.) Order-in-Council 1946, li estenda għal Malta l-applikazzjoni ta' l-Att Imperjali "Supplies and Services( Transitional Powers) Act, 1945" (ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti, sedenti l-Im'ħallef Montanaro Gauci, "Pulizija vs. Gasan", 7 ta' Mejju, 1952, li, meta ġiet appellata lill-Privy Council, dan ċaħad il-"leave to appeal";

Lanqas hi sostenibili l-osservazzjoni l-oħra tad-difiża illi l-emenda magħmula fil-piena mill-G.N. 409 ta' l-1949 hija "ultra vires" għaliex teżorbita mill-iskopijiet ta' l-"enabling law". Skond is-sec. 3 ta' l-Att ta' l-1945, fuq imsemmi, il-Gvernatur jista' jemenda jew ivarja r-regolamenti "in such manner as appears to him............. to be necessary or expedient for any of the purposes specified in subsection (1) of section 1" —liema "purposes", jiġifieri "maintaining, controlling and regulating supplies and services", huma in aġġunta ta' dawk il-"purposes" li għalihom kienu saru, *in origine*, ir-regolamenti taħt l-Emergency Powers (Defence) Act, 1939. Hu ċar li taħt dawn il-"powers" il-Gvernatur jista' jemenda r-regolamenti fil-piena; għax jekk hu jista' jemenda s-sustanza tal-liġi, biex jirraġġunġi, fl-"executive discretion" tiegħu insindakabili, il-"purposes" fuq imsemmija, "sequitur" li hu jista' jemenda l-liġi fil-piena, li tassikura l-osservanza tal-liġi, u kwindi titgura r-raġġunġiment ta' dawk il-"purposes";

Id-difiża rrilevat ukoll (għalkemm ma tantx dehret li nsistiet fuq dan ir-riljev fid-dibattitu orali) li l-azzjoni hi perenta peress li għaddew it-tliet xhur imsemmijin fir-regolament 23 (6), kif emendat bil-G.N. 409 ta' l-1949. Issa, skond dan ir-regolament, l-azzjoni ma tistax tiġi promossa "later than three months from the date on which evidence, sufficient, in the opinion of the Governor, to justify a prosecution for the offence, *comes to the knowledge of the Governor*............." Ir-regolament ikompli jgħid li "a certificate of the Governor as to the date on which such evidence as aforesaid came to the knowledge of the Governor shall be *conclusive evidence thereof*". F'dan il-każ ma ġiex eżibit dan iċ-ċertifikat, u d-difiża ma talbitux. Iżda hu risaput li "conclusive" ma tfisserx "exclusive"

(ara Phipson, "On Evidence", 1942 edition, page 556); u għalhekk il-pont jista' jiġi riżolut anki bi prova "aliunde". Issa, il-Qorti hi soddisfatta mill-provi li ma kienx lanqas possibili li l-Gvernatur jikkunsidra l-"evidence" "sufficient" f'xi żmien li minnu laħqu għaddew it-tliet xhur; għaliex il-provi juru li kien għad hemm bżonn li jiġu ndagati l-fatti, u d-dokument fol. 5 juri li, almenu sas-17 ta' Novembru 1951 (il-proċeduri nbdew f'Jannar ta' l-1952, ċjoè anqas minn xahrejn wara), il-Gvern kien għadu sejjer bl-indaġini tiegħu dwar pont fondamentali tal-ħlas taċ-cheques fuq imsemmija;

In subordine, l-imputat talab l-applikazzjoni ta' l-art. 23 Kap. 12 Ediz. Riv., li hu relativ għal "first offenders". Però dan l-artikolu, fost affarijiet oħra, jirrikjedi li l-"offence" tkun "trivial", u ċertament ħadd ma jista jgħaddilu minn rasu li jikkunsidra "trivial" "offence" li anzi per sè hi serja, għax tikser liġi ntiża għall-protezzjoni tal-lira sterlina—liema protezzjoni hi essenzjali għall-istabilità finanzjarja ta' l-Ingilterra u ta' l-Imperu Tagħha;

Lanqas tista' tiġi eżawdita t-talba ta' l-imputat għall-applikazzjoni ta' l-art. 23A. li jawtorizza l-applikazzjoni ta' piena taħt il-"minimum", meta jkun hemm ċirkustanzi speċjali u eċċezzjonali. Dawn ir-raġunijiet ma hemmx, u ċertament ma jimmeritax l-indulġenza tal-Qorti min, anzi, mexa b'ingann biex jevadi liġi ta' importanza mhux żgħira;
Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu u fil-piena. Il-ħlas isir kif ordnat mill-Ewwel Qorti, b'dan li l-ewwel pagament isir żmien xahar mil-lum.